*Editorjal*

# 125 sena
## mill-Ewwel Ġebla u
# 25 sena
## mill-Inkurunazzjoni



Għall-Festa 2018 il-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tiċċelebra żewġ anniversarji speċjali. Għandna l-25 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Inkwadru Titulari kif ukoll il-125 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tas-Santwarju tagħna.

Matul iż-żmien tal-festa nirriflettu kemm Sidna Ġesù Kristu jixraqlu li jkun inkurunat. Ġesù huwa verament sultan li jrid isaltan fi qlubna. Imiss lilna kemm napprofittaw mill-festa biex nifthu qalbna beraħ għal Kristu u nħallu lill-Qalb ta' Ġesu tidhol fi qlubna.

Niftakru wkoll fit-tqegħid tal-ewwel ġebla ta' dan is-santwarju. Niftakru kemm l-antenati tagħna għamlu sagrifiċċju sabiex jibnu din il-knisja. Fiha niltaqgħu biex bħala komunità parrokkjali nagħtu ġieh u glorja lil Alla.

Meta niċċelebraw xi anniversarju aktar mill-fatti storiċi ta' kif ġraw għandna naraw fihom it-tifsira għalina llum. Meta nidħlu f'dan is-santwarju sabiħ għandna niftakru wkoll kemm il-ġenerazzjoni ta' qabilna għamlet ħilitha u sagrifiċċji sabiex il-fidi tasal għandna. Għandna nħossu d-dmir li ngħaddu lil ta' warajna dawk il-valuri li aħna rċevejna f'soċjetà li qiegħda tinbidel kompletament b'mod mgħaġġel.

Nawguralkom festa sabiħa mimlija b'ferħ u hena li l-Qalb ta' Ġesù Kristu biss taf jagħti. Inħeġġikom ukoll li filwaqt li tgawdu l-festi ta' barra ma' tħalluhomx isiru ta' aljenzazzjoni u tiftakru dejjem kemm il-Qalb ta' Ġesù tħobbna.

